MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 191/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Eric Scicluna**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Fit-12 ta’ April, 2010 filghodu fl-inhawi ta’ Mtarfa kien ghall-kacca u garr senter u munizzjon waqt stagun mghaluq.

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi garr barr fond arma u/jew munizzjoni minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Ukoll talli sar recidiv b’diversi sentenzi tal-Qrati datati 25 ta’ Settembru, 1998 (Qorti tal-Appell Kriminali); 21 ta’ Novembru, 2001 (Mag. Dr. A. Micallef Trigona); 8 ta’ Novembru, 2004 (Mag. Dr. A. g. Vella); 17 ta’ Lulju, 2006

(Mag. Dr. Apap Bologna); 13 ta' Mejju, 2009 (Mag. Dr. A. G. Vella) liema sentenzi huwa kollha definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena skond il-ligi tikkonfiska l-oggetti esebiti kif ukoll ir-revoka permanenti ta' kull licenzja jew permess mahruga taht l-Att dwar l-Armi u l-Avviz Legali 79 ta' 2006 kif sussegwentement emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' April, 2011, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolamenti 18(1)(a) u 12(1) tal-Avviz Legali 79 tal-2006, LS 504.71 sabet lil appellant hati u kkundannatu sitt xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fi1-15 ta'April, 2011 fejn talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tiddikjara lill-esponent mhux hati tal-imputazzjonijiet lilu adebitati u/jew alternattivament tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tirrigwarda l-piena nflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok in-nullita tas-sentenza tal-ewwel Qorti stante li ma tikkonformax mar-rekwiziti tal-Ligi. Illi qed jigi ghal kull buon fini anness ma dan ir-rikors tal-appell s-sentenza li kienet disponibbli ghall-esponent sa nhar l-14 ta'April fl-4 ta' wara nofsinhar.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal dak espost fl-ewwel aggravju, l-ewwel Qorti ghamlet bir-rispett apprezzament erronju tal-provi b'mod illi legalment u ragonevolement ma setghatx tirriskontra htija fil-konfront tal-esponent.

Illi dana t-tieni aggravju huwa msejjes, inter alia, fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

a) Illi l-video esebit ma jaghti ebda garanzija ta' awtenticità u se mai jwassal sabiex jigi konkluz li s-sejbien ta' htija hija bir-rispett mhux biss 'unsafe' izda wkoll 'unsatisfactory'.
b) Jinghad ukoll li s-suppost identifikazzjoni maghmula hija wahda monka u suggestiva u mhux konformi mad-dettam tal-ligi.
c) Illi se mai u jekk il-filmat ser jinghata valur probatorju, meta wiehed iqis il-filmat fit-totalità tieghu. L-istess filmat jwassal ghall-konkluzjoni li l-persuna li tidher miexja fir-raba` mhijiex l-esponent u dan partikolarment in vista tat-tieni parti tal-istess filmat.
d) Illi f'dan il-filmat ma jirrizulta li qed isir ebda kacca u lanqas ma jista jigi kkonstatat li qed jinzamm arma tan-nar u, certament, wisq inqas, arma tan-nar li mhijiex licenzjata.

3. Illi fit-tilet lok jigi rilevat ukoll anki fid-dawl tal fuq premess u fid-dawl ta' dak li jirrizulta mill-atti l-ewwel Qorti ghamlet, bir-rispett, apprezzament u nterpretazzjoni erronja u zbaljata tal-ligi.

4. Illi fir-raba` lok u minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, il-piena, fic-cirkostanzi, kienet eccessiva.

Ikkunsidrat,

Bil-verbal tat-22 ta' Frar, 2012 din il-qorti sejra tillimita d-decizjoni taghha ghall-ewwel aggravju imqajjem mill-appellant u cioe` in-nullita` tas-sentenza tal-Ewwel Qorti stante li ma tikkonfermax mar-rekwiziti tal-ligi u giet esebita s-sentenza li kienet disponibbli ghall-esponent sa nhar l-14 ta' April fl-4.00 ta' wara nofs inhar, liema sentenza hija fotokopja tal-komparixxi bl-appunti illi ghamel il-Magistrat meta ta s-sentenza tieghu.

Ikkunsidrat :

L-appellant qieghed jargumenta illi s-sentenza originali hija dik illi jikteb il-Magistrat « di proprio pugno » u mhux dak illi jikteb id-Deputat Registratur.

Fil-Qorti inqrat biss is-sentenza li kiteb il-Magistrat u ghad-difiza kien hemm biss din is-sentenza disponibbli ghaliha u meta eventwalment giet ippublikata s-sentenza dettolografata tad-Deputat Registratur irrizulta li dina m’ghandha x’taqsam xejn ma dak illi kiteb il-Magistrat, fis-sens illi s-sentenza tad-Deputat Registratur fiha r-rekwiziti kollha tal-ligi mentri l-ohra ma kellhix u ghalhekk tqajmet il-kwistjoni liema kienet is-sentenza originali jekk ijiex dik li kiteb il-Gudikant jew inkella dik tad-Deputat Registratur.

Ikkunsidrat :

Din il-Qorti diga` kellha okkazzjoni tidderimi din il-kwistjoni fis-sentenza moghtija « Il-Pulizija vs Raymond Parnis » [App. Krim. 02-05-12] liema sentenza, irreferiet ghal sentenza ohra wkoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali « Il-Pulizija vs Albert Bezzina » [deciza 25-07-1994] li fost affarijiet ohra qalet *«fuq dan il-punt il-Qorti tosserva li la l-Artikolu 377(1) u anqas l-Artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat; dak li trid il-ligi hu li dak li* *<u>jghid</u>* *il-magistrat meta jaghti s-sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak li hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Magistrat, mhux is-sentenza, u bejn dawk l- appunti u l-kopja ufficjali tas-sentenza ma hemmx kontradizzjoni ».*

L-insenjament ta’ dan il-gudikat huwa car. Il-kopja ufficjali li torbot lill-partijiet hija dik illi johrog id-Deputat Registratur u mhux in-noti jew is-sentenza miktuba di proprio pugno mill-Magistrat. Din tal-ahhar tibqa` tal-Magistrat personalment u tista` tintuza biss bhala gwida lill-partijiet tal-hsieb li kellu l-Magistrat meta ta s-sentenza tieghu u ma tistax tintuza ghal xi argumenti procedurali li jistghu jwasslu ghan-nullita` taghha. Hija dik mahruga mid-Deputat Registratur taht il-firma tieghu illi tista` tkun soggetta ghal skrutinju. Dan ifisser kwindi illi lanqas dik is-sentenza ma ghandha ghalfejn tigi ffirmata mill-

Magistrat peress illi l-validita` procedurali formali taghha jigi sanat bil-firma biss tad-Deputat Registratur.

F'dan il-kaz l-appellant mhuwiex qieghed jaghmel xi kritika fuq is-sentenza dettolografata, li f'dan il-kaz hija iffirmata mil-Magistrat. Din is-sentenza fiha r-rekwiziti kollha tal-ligi u ma tistax tigi attakata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` u tiddeciedi illi tichad l-ewwel aggravju tal-appellant u tordna l-prosegwiment tal-kawza fis-smiegh dwar il-meritu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------